



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Ġunju 2023
(OR. fr)

9525/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0117 (NLE)

PECHE 193

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/...

ta'...

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar
u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218, il-paragrafu 6, it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) u l-Artikolu 218, il-paragrafu 7,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹⁺

¹ Approvazzjoni ta'... (għadha mhijiex ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*)

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni fid-dokument ST 9523/23 u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/...tal-Kunsill¹⁺, il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Madagascar") (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim") u Protokoll ta' Implimentazzjoni (2023-2027) tiegħu (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Protokoll") ġew iffirmati fi ...⁺⁺.
- (2) Il-Ftehim jissostitwixxi l-Ftehim preċedenti ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar², li ilu japplika b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2007.
- (3) Il-Ftehim u l-Protokoll għandhom l-għan li jippermettu lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom fiż-żona tas-sajd ta' Madagascar u li jippermettu lill-Unjoni u lil Madagascar jaħdmu flimkien mill-qrib biex ikomplu jippromwovu l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' Madagascar u fl-Oċean Indjan. Din il-kooperazzjoni tikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti fis-settur tas-sajd.
- (4) Il-Ftehim u l-Protokoll jenħtieġ li jiġu approvati.

¹ ĠU ...

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-Deċiżjoni fid-dokument ST 9523/23 u imla n-nota korrispondenti f'qiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim u l-Protokoll kif jinsabu fid-dokument ST 9007/23.

² Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn ir-Repubblika tal-Madagaskar u l-Komunità Ewropea (ĠU L 331, 17.12.2007, p. 7).

- (5) L-Artikolu 14 tal-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt li huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 3, tal-Ftehim u l-Artikoli 11 u 12, il-paragrafu 4, tal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' jadotta ċerti modifiki għall-Protokoll. Sabiex tiġi ffaċilitata l-approvazzjoni ta' dawn il-modifiki, jenħteġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa tapprovahom f'isem l-Unjoni bi proċedura ssimplifikata, b'ċerti kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali.
- (6) Jenħteġ li jkun il-Kunsill li jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni dwar il-modifiki għall-Protokoll. Jenħteġ li l-emendi proposti jiġu approvati sakemm minoranza ta' Stati Membri li timblokka ma toġġezzjonax għalihom f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.
- (7) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għe kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ u ta opinjoni fl-1 ta' Ġunju 2023.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 1

Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u l-Protokoll dwar l-Implimentazzjoni tiegħu (2023-2027) huma b'dan approvati f'isem l-Unjoni¹⁺.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 17 tal-Ftehim u n-notifika prevista fl-Artikolu 18 tal-Protokoll².

Artikolu 3

Skont il-proċedura u l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni hija awtorizzata tapprova, f'isem l-Unjoni, il-modifiki tal-Protokoll, adottati mill-Kumitat Konġunt stabbilit skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim.

¹ It-test tal-Ftehim u tal-Protokoll huma ppubblikati fil-ĠU L ...

⁺ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fin-nota f'qiegħ il-paġna r-referenzi tal-ĠU għall-Ftehim u l-Protokoll li jinsabu fid-dokument ST 9007/23.

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim u tal-Protokoll ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNESS

PROĊEDURA U KUNDIZZJONIJIET BIEX JIĠU APPROVATI L-EMENDI TAL-PROTOKOLL LI L-KUMITAT KONĠUNT GĦANDU JADOTTA

Meta l-Kumitat Konġunt jintalab jadotta emendi tal-Protokoll skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 3 tal-Ftehim u skont l-Artikoli 11 u 12, il-paragrafu 4, tal-Protokoll, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tapprova l-emendi proposti f'isem l-Unjoni bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (1) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-approvazzjoni li ssir f'isem l-Unjoni:
 - (a) tkun konformi mal-oġettivi tal-politika komuni tas-sajd;
 - (b) tkun kompatibbli mar-regoli rilevanti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd u tkun tqis il-ġestjoni konġunta min-naħa tal-Istati kostali;
 - (c) tkun tqis l-aħħar informazzjoni statistika u bijoloġika u ta' tip ieħor rilevanti mibgħuta lill-Kummissjoni.
- (2) Qabel ma l-Kummissjoni tapprova l-emendi proposti f'isem l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tissottomettihom lill-Kunsill fi żmien biżżejjed qabel il-laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt.

- (3) Il-Kunsill għandu jivvaluta jekk l-emendi proposti jikkonformawx mal-kriterji stabbiliti fil-punt 1.
- (4) Sakemm ma jkunx hemm numru ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokka tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 16(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li joġġezzjonaw għall-emendi proposti, il-Kummissjoni għandha tapprovahom f'isem l-Unjoni. Jekk ikun hemm tali minoranza li timblokka, il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-emendi proposti f'isem l-Unjoni.
- (5) Jekk, waqt laqgħat sussegwenti tal-Komitat Konġunt, ikun impossibbli li jintlaħaq qbil, anki dak il-ħin stess, il-kwistjoni għandha tintbagħat lura lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura stipulata fil-punti 2 sa 4, biex jitqiesu fatturi ġodda fid-deċiżjoni dwar il-pożizzjoni li tkun trid tiegħu l-UE.
- (6) Il-Kummissjoni hija mistiedna tiegħu, fiż-żmien dovut, il-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura s-segwitu tad-deċiżjoni tal-Komitat Konġunt, inkluż, fejn ikun xieraq, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni rilevanti f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-komunikazzjoni ta' kull proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-deċiżjoni.

F'dak li għandu x'jaqşam ma' kwistjonijiet oħrajn li ma jirrigwardawx emendi tal-Protokoll skont l-Artikolu 14, il-paragrafu 3 tal-Ftehim u skont l-Artikoli 11 u 12, il-paragrafu 4, tal-Protokoll, il-pożizzjoni li l-Unjoni trid tiegħu fil-Komitat Konġunt għandha tiġi stabbilita skont it-Trattati u skont il-prattiki ta' hídma stabbiliti.